MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 585/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**William Mercieca**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant William Mercieca detentur tal-karta tal-identita` numru 403973(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli

Fil-waqt illi kien fid-Diviżjoni Nru XIII, fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, ġewwa Rahal Ġdid, nhar il-5 ta’ Dicembru, 2005, għall-habta tad-9.15 ta’ fil-għodu, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li

jqiegħed il-ħajja tal-gwardjan tal-Habs Steven James Camilleri f'periklu ċar, ikkaġunalu ferita ta' natura gravi, kif iċċertifikat minn Dr Kevin Falzon MD (Warrant Mediku Nru 2875) tad-Dipartiment tal-Casualty tal-Isptar San Luqa, u minn Dr Alexandra Portelli MD (Warrant Mediku Nru 2180), it-Tabiba taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Rahal Ġdid, liema ferita ġġiblu mankament jew sfregju f'sebgħu ż-żgħir fuq in-naħa tax-xellug tiegħu, u dan bi ksur tal-Artikolu 216(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna tal-istess Gwardjan tal-Ħabs Steven James Camilleri, bħala persuna ta' wieħed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika, kontra l-persuna tal-Gwardjan tal-Ħabs Steven James Camilleri bħala persuna nkarigata skont il-Liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt illi kien jaġixxi fl-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta ordni mogħti skont il-Liġi minn awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bi vjolenza jew b'theddid ġiegħel lill-istess Gwardjan tal-Habs Steven James Camilleri, bħala ufficjal pubbliku, jagħmel jew ma jagħmilx xi haġa li għandha x'taqsam mal-kariga tiegħu, u dan bi ksur tal-Artikolu 91 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli sar reċidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Novembru, 2012, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 214, 215, u 216 tal-Kapitolu 9; l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta,

sabet lill-imsemmi imputat William Mercieca ħati tal-akkużi kif dedotti fil-konfront tiegħu, u kkundannatu għal piena karċerarja ta' disa'(9) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant William Mercieca minnu ppreżentat fit-12 ta' Diċembru, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-30 ta' Novembru 2012, u dan billi tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija, u fin-nuqqas, tipprovdi għal piena aktar mita u idonej fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti u ċioe':-

Illi in vena legali, u primarjament, l-esponent jeccepixxi *in*-***ne bis in idem*** stante li ghall-akkadut huwa gie iddixxiplinat fil-facilita' korrettiva ta' Kordin. Ara s-sentenza Il-Pulizija (Spett Jesmond Borg) -vs- Joseph Vella, Deċiża fit-18 ta' Jannar 2012.

Illi l-Ewwel Qorti erronjament sabet lil esponent ħati ta' ferita gravi fit-termini tal-artiklu 216 tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jidher car li l-Qorti waslet għal tali konklużjoni essendo li skont ma jirriżulta miċ-ċertifikat mediku a fol. 109, Stephen James Camilleri issubixxa ksur f'subgħajh iż-żghir tal-id ix-xellugija.

Illi skont id-dispost tal-Artiklu 216(1 )(b) tissussisti ferita gravi jekk inter alia, ikun hemm sfregju fl-id.

Illi pero' huwa palezi illi sfregju għandu konnotati viżwali u għalhekk frattura fis-sebgħa iż-żghir, mhix neċessarjament waħda li tirrizulta fi sfreġju viżwali fl-id.

Illi in effetti ma jirriżultax li ingiebu xi provi f'dan is-sens.

Illi lanqas ma nġiebu provi biex juru li l-ferita damet aktar minn tliet ġimgħat biex tfieq u għalhekk kienet tikkonstitwixxi ferita per durata, skont l-istess dispost tal-ligi.

Illi għalhekk mankanti provi ulterjuri l-Ewwel Qorti missa sabet lill-imputat, se mai, ħati ta' ferita ħafifa, reat kompriz u involut fir-reat ta' ferita ta' natura gravi.

Illi in oltre jingħad li mhemm l-ebda prova dwar theddid verbali, u ghalhekk il-Qorti messa lliberatu minn tali imputazzjoni.

Illi l-akkuza C. u D. huma assorbiti fl-ewwel akkuża A. stante li huma għandhom jitqiesu bħala mezz għal fin, u huma kompriżi u involuti fl-ewwel akkuża.

Illi l-piena fiċ-ċirkostanzi kienet eċċessiva.
Illi f'dan is-sens jingħad li t-trapass ta' seba' snin sabiex ġew konklużi dawn il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti kien perjodu eċċessiv u għalhekk dan il-fattur kellu jitqies bħala wiehed mitigandi ai finijiet ta' piena.

Illi llum l-imputat ħareġ mill-ħabs u huwa persuna kompletament reabilitata.

Rat il-fedina aġġornata tal-appellant.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Illi bħala provi mill-atti jirriżulta dan li ġej.

Skont l-Ispettur Abraham Zammit huwa kien mgħarraf li għall-ħabta tad-9.15 tal-5 ta' Diċembru 2005, kien hemm xi kwistjoni bejn is-CO Stephen Camilleri u l-inmate Willam Mercieca. L-appellant (imputat) kien insista li ċ-ċella tiegħu ma tingħalaqx u dan ħabat għall-uffiċjal Camilleri. Barra dan, l-appellant attakka lill-uffiċjal b'kitla kbira li kienet mimlija te jaħraq. L-uffiċjal sofra frattura ta' għadma żgħira fis-sebgħa ż-żgħir. Inmates oħra neħħew lill-appellant minn fuq l-uffiċjal.

Skont dan ix-xhud (fol 94), għal dan l-inċident, l-appellant ma kienx punit bir-regoli tad-dixxiplina tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. (Ara fol 96).

Il-kontenut tal-paragrafu ta' qabel kien ikkonfermat minn PC 657 Mario Micallef (fol 171) fis-sens li ma ttieħdu ebda passi kontra l-appellant/imputat dwar dan l-inċident. (Ara dokumnet a fol 173).

Mix-xhieda tad-dottoressa Portelli irriżulta li l-appellant kellu tbeniġil u girfa fuq subgħajh u għalhekk intbagħat Saint luke's biex jaraw kellux xi frattura. (Ara fol 24 għaċ-ċertifikat).

Is-CO Stephen Camilleri xehed li x'ħin mar biex jagħlaq iċ-ċella ta' William Mercieca, dan qabdu mill-katina taċ-ċavetta, kellmu ħażin u qabdu minn sidru. L-appellant attakkah b'kitla. Ix-xhud laqa' l-kitla b'idejh u b'hekk sofra l-offiża allegata. (fol 27). Huwa kellu crack fis-sebgħa ż-żgħir fil-ġenb. Skont iċ- ċertifikat l-appellant kellu 'fracture proximal phalanx' (L) Little Finger. (fol 32).

Xehed is-CO 162 Johann Degabriele, li kien preżenti waqt l-inċident, huwa ra lill-appellant ixejjer daqqa ta' kitla lejn l-uffiċjal.

Dr Ronnie Farrugia kkonferma li s-CO kien sofra ksur f'subgħajh iż-żgħir tax-xellug. (ara fol 109).

Is-Supretendent Mario Bonello ikkonferma s-sentenza a fol 76 mogħtija fil-konfront tal-appellant. (fol 112), PS 1439 John Tabone ikkonferma s-sentenza li ġġib id-data tas-sena 1997 u PC 1245 Paul Hearsey ikkonferma s-sentenza li tidher a fol 46 tal-proċess (u l-identita' tal-appellant/ imputat).

L-ispettur Jesmond Borg xehed li, waqt l-investigazzjoni, kienu stabbilew li William Mercieca kien talab lis-CO Camilleri biex ma jagħlaqx il-bieb taċ-ċella. Is-sur Camilleri kien kiser subgħajh konsegwenza ta' dan l-inċident. William Mercieca kien dagħa u anke hedded lis-CO Stephen Camilleri. Dan ix-xhuda ma kienx preżenti waqt l-inċident. Dan ix-xhud esibixxa għadd ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tal-appellant.

Ix-xhud PS 1257 Conrad Ellul xehed dwar dak li qallu li ġara s-CO Camilleri. (fol 40).

Ikkonsidrat

Li l-appellant irtira l-ewwel aggravju, jiġifieri dak dwar in-ne bis in idem kif jirriżulta mill-verbal a fol 196. Il-Qorti tosserva li ma kienet inġabet ebda prova li kienet ittieħdet xi forma ta' dixxiplina kontra l-appellant dwar dan il-każ. Ix-xhieda u d-dokumenti li kienu prodotti dwar dan il-punt juru li assolutament ma kinux ittieħdu proċeduri dixxiplinarji kontra l-appellant dwar dan l-inċident.

Minħabba li dan l-aggravju kien irtirat, il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tiegħu.

L-aggravju prinċipali l-ieħor tal-appellant huwa li ma kellux jinstab ħati ta' offiża gravi.

Is-sottomissjoni tal-appellant hija li m'hemmx provi li l-allegat vittma sofra xi sfreġju.

Ikkonsidrat

Mill-mod kif hija redatta l-ewwel imputazzjoni, l-akkuża hija marbuta kif ġej:

'ikkaġunatlu ferita gravi ,,,,,,,,liema ferita iġġiblu mankament jew sfreġju f'sebgħu ż-żgħir fuq in-naħa tax-xellug tiegħu u dana bi ksur tal-artikolu 216(1)(a) u (b) tal-Kap 9.'

L-ewwelnett, il-Qorti tal-Maġistrati mhix marbuta bl-indikazzjonijiet tal-artikoli magħmula mill-Prosekuzzjoni fiċ-ċitazzjoni.

Il-Qorti ezaminat il-kliem użat fl-artikolu 216. Fil-verżjoni Ingliża jintużaw il-kliem 'deformity' or 'disfigurement'. Skont il-Macmillan English Dictionary, 'deformity' tfisser 'a part of someone's body that is not the normal shape'. Min-naħa l-oħra l-kelma 'disfigurement' tfisser to spoil the appearance of someone or something.'

Fid-dizzjunajru tiegħu 'Malti- Ingliż' il-Profssur Ġuże' Aquilina jagħti dawn l-espressjonijiet. Għall-kelma 'sfreġju' huwa jagħti l-kelma 'disfigurement' 'gash', 'cut' 'scar' jew 'slash' waqt li għall-kelma 'mankament' huwa jagħti 'deficiency'. 'imperfection' u 'disfigurement.'

Min-naħa l-oħra, skont in-Noti tal-Professur Mamo – (Part II paġina 228):

'The word 'deformity' stands for the word 'deformita'' in the old Italian text of our law, and the word 'disfigurement' stands for the word 'sfregio' therein.

Now to 'deform' implies something more serious than to 'disfigure'. Any external injury which detracts from the appearance fo the face or of the neck or of either of the hands – the most conspicuous parts of the human body – provided it is not too trivial – will be a sufficient 'disfigurement' to amke the bodily harm grievous. The word 'sfregio' used with reference to the face in article 372 of the Italian Code of 1889, on which our provision

was identically modelled, was officilaly interpreted as including ‘qualunque mocumento ch puo’ recarsi alla regolarita’ del viso dell’armonia dei suoi lineamenti od anche alla sua bellezza.’ (Relazione Ministeriale sul progetto del 1887, n CXLV111). If the injury is more marked as to give to any of those parts of the body affected an unpleasant appearance, as by causing a considerable alteration of the tissues, then the disfigurement becomes deformity.

But it must be clearly noted that, in our law, in order that the bodily harm may be considered grievous, it is not necessary that the deformity or disfigurement of the face, or of the neck or of either of the hands be serious and permanent.’

L-aggravju tal-appellant huwa li ma nġabet ebda prova li l-allegat kellu xi ‘sfreġju’ u li l-isfreġju għandu jidher minn barra.

Mit-tifisiriet li jingħataw minn dizzjunarji msemmija hawn fuq, kif ukoll kif jirriżulta min-Noti tal-Professur Sir Anthony Mamo, biex ikun hemm mankament jew sfreġju jinħtieġ li dan id-difett ikun jidher minn barra.

Mill-provi jirriżulta li l-vittma kellu ksur f’wieħed mis-swaba’ tiegħu. Iżda mill-proċess ma jirriżultax li hemm xi prova li dan il-ksur irriżulta f’mankament’ jew ‘sfreġju’ kif imfissrin aktar ‘il fuq. .

Peress li l-għadam, li jinsab fis-suba’ żgħir tal-id huwa żgħir, dan jieħu bejn is-sitta u tmien ġimgħat biex ifieq. Fil-każ ta’ ksur ta’ għadam kbir, dan jieħu bejn tmienja u tnax-il ġimgħa. Dan id-dewmien biex jitfejjaq il-ksur tal-għadam għandu l-bażi fl-istudji mediċi. F’dan il-każ, jekk wieħed jieħu l-minimu- jiġifieri sitt ġimgħat – dawn ifissru 42 jum. Matematikament dan il-perjodu huwa itwal mit-tletin jum indikat fl-artikolu 216(1)(d) tal-Kap 16, liema artikolu jikkontempla żewġ **alternattivi li mhumiex kumulattivi.**

Madankollu, mill-mod kif inhi redatta l-ewwel imputazzjoni, jirriżulta li l-kliem użat fiċ-ċitazzjoni huwa kollu marbut mal-artikolu 216(1)(a)u(b) u limitat għal dawn iż-żewġ subinċiżi biss. L-imputazzjoni ma waqfitx wara l-kliem 'ikkaġunajtlu ferita (offiża) ta' natura gravi' għax il-Prosekuzzjoni għażlet li torbot kollox ma' dawn is-subinċiżi biss u injorat kompletament il-possibilita' tar-rabta tal-offiża ta' natura gravi ma' xi subiniċiż ieħor tal-istess artikolu jew li tieqaf eżatt fil-kliem ġeneriku 'offiża ta' natura gravi.'.

Għal din ir-raġuni, il-Qorti qed tilqa' din il-parti tal-aggravju u minflok il-Qorti qed issib lill-appellant ħati ta' offiża ħafifa ai termini tal-artikolu 221 tal-Kap 9, reat li huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

It-tieni imputazzjoni din tirreferi għall-artikolu 95. Mill-provi jirriżulta l-kliem ħażin li sar fil-konfront tas-CO Camilleri. Tirriżulta wkoll l-offiża fuq il-persuna tal-persuna msemmija. Imma fil-fehma tal-Qorti l-artikolu 95 hawn japplika biss għall-**offiża** li ssemmiet fl-ewwel imputazzjoni. Il-kliem ħażin la huwa inġurja u lanqas theddid. Għalhekk din il-Qorti qed issib lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni safejn din għandha x'taqsam mal-offiża fuq il-persuna ta' gwardjan tal-ħabs bħala waħda mir-reati alternattivi msemmijin taħt dan l-artikolu. Skont l-artikolu 95(1) din il-piena stabbilita għall-offiża għandha tiżdied bi grad.

Għalhekk mhix tilqa' dik il-parti tal-aggravju dwar din l-imputazzjoni fejn l-appellant insista li ma kienx sar theddid għaliex l-imputazzjoni tinkludi l-alternattivi kollha kkontemplati fl-artikolu 95 u mhux it-theddid biss.

**It-Tielet imputazzjoni**

Dwar it-tielet imputazzjoni japplika l-artikolu 96 li jikkontempla attakk jew reżistenza bi vjolenza kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku. M'hemmx dubju li l-appellant attakka lill-persuna li kienet qed taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni

mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti. Din l-ordni kienet li ċ-ċelel għandhom jinqaflu. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni li iġġorr piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena.

(Dwar din u dwar ir-raba' imputazzjoni l-appellant għamel biss aċċenn għall-applikazzjoni tal-artikolu 17. Dwar dan ara l-aħħar paragrafu tas-sentenza).

**Ir-raba' Imputazzjoni**

Dwar ir-raba' imputazzjoni japplika l-artikolu 91 li jiddisponi kif ġej:

'Kull min bi vjolenza jew theddid iġiegħel uffiċjal pubbliku li jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tiegħu, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa tliet snin.'

Is-CO Camilleri kien qed jaqdi dmiru u jaqfel iċ-ċella tal-appellant. Dan irreżistieh bi vjolenza biex propju is-CO ma jagħmilx xi ħaġa li kellha x'taqsam mal-kariga tiegħu – li jaqfel iċ-ċelel. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat (appellant) ħati ta' din l-imputazzjoni wkoll.

**L-addebitu tar-reċidiva.**

Dwar l-addebitu tar-reċidiva, m'hemmx aggravju.

Huwa każ fejn il-Qorti tapplika l-artikolu 17(h) tal-Kap 9. għaliex prattikament l-imputazzjonijiet (A), (B), (Ċ) huma assorbiti fir-raba' imputazzjoni (D) għaliex teknikament din iġġorr l-ogħla piena minħabba r-rikonsiderazzjoni magħmula tal-ewwel imputazzjoni. (Artikolu 91: 'il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa tliet snin').

**Konsegwentement il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati xorta hija fil-parametri tal-Liġi u bl-edba mod m'hija eċċessiva**.

**Dwar il-piena**

Għall-fini ta' piena l-Qorti qed tikkonsidra dawn il-punti:

(i) għalkemm mill-fedina penali jirriżulta li fit-8 ta' Frar 2006 l-appellant kellu inċident simili f'istituzzjoni oħra jidher li l-appellant inbidel matul dawn il-proċeduri u minn dik id-data sa llum. Filfatt dan huwa l-aħħar inċident li jidher fil-fedina penali tiegħu kif aġġornata.

(ii) it-trapass taż-żmien;

(iii) Min-naħa l-oħra din il-Qorti ma tistax tinjora li min qed jaqdi dmiru ta' gwardjan fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin għandu jkollu l-protezzjoni kollha tal-Liġi waqt li min qiegħed priġunier fl-istess Faċilita' għandu juri rispett lejn il-gwardjani u mhux jattakkahom.

**Konklużjoni**

**Wara li l-Qorti kkonsidrat dan kollu, qed tilqa' parti mill-aggravju tal-appellant dwar l-ewwel imputazzjoni, u għalhekk qed tirriforma s-sentenza mogħtija fit-30 ta' Novembru, 2012 billi qed tikkonfermaha fejn sabitu ħati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċidiva waqt li qed tirriformaha fejn sabitu ħati ta' offiża gravi taħt l-ewwel imputazzjoni u minflok, dwar l-ewwel imputazzjoni qed issibu ħati ta' offiża ħafifa, liema reat huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni, u minflok il-kundanna għal disa' xhur priġunerija qed tikkundannah għal tmien xhur priġunerija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------